KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

**Ref: Seduta 28_13/02/08/V**

## MINUTI TAT-TMIENJA U GĦOXRIN SEDUTA

**It-tmienja u għoxrin seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa 13 ta' Frar 2008** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Viċi Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Michael Briguglio**<br>**Martin Debono**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea**<br>**Luke Vella** |
| **Assenti Skuzata:** | **Margaret Ann Azzopardi** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fl-4.20pm b'din l-agenda:

1. **Qari u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduti 27_18/01/08**
2. **Materji konessi mal-minuti**
3. **Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv**
4. **Mistoqsijiet mill-kunsilliera**
5. **Approvazzjoni tal-pagamenti**
6. **Affarijiet Oħra**

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI SEDUTA NUMRU 27_18/01/2008

Il-minuti ġew ikkunsidrati bħala moqrija u ġew proposti mill-Viċi Sindku Albert Bonello Dupuis u ssekondati mill-kunsillier Julian Galea u ġew approvati mill-kunsilliera kollha preżenti.



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis staqsa dwar iż-*zebra crossing* li kienet intalbet biex issir fi Triq il-Kulleġġ l-Antik. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-permess mil-ADT għaż-*zebra crossing* kien ħareġ wara li saret l-applikazzjoni mil-perit tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid li l-kuntrattur kien għadu qiegħed jistenna l-permessi biex titħaffer it-trinka. Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis issuġġerixxa li għandhom jinżebħu 'SLOW' bħala marki tat-traffiku fit-triq sakemm jinħareġ il-permess.

## 3. KORRISPONDENZA U KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU/SEGRETARJU EŻEKUTTIV

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li *Faces Displays Ltd* bagħtu r-risposta dwar il-*bus shelter* li tpoġġiet quddiem *Marks and Spencer* ix-Xatt fejn bagħtu l-pjanta approvata mill-MEPA. Il-Kunsill baqa` bl-istess deċiżjoni li ma' jaqbilx mal-post fejn ġiet imwaħħla u għandna ninfurmaw lil Faces li l-pjanti li ġew approvati mil-MEPA qatt ma tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill qabel ma saret l-applikazzjoni lil MEPA. Għal darb'oħra s-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni ċ-ċekk numru 9174 li kien inżamm tas-seduta 26_5/12/07. Il-Kunsill baqa ma' jaqbilx li għandu jsir dan il-ħlas għalissa.

*Daħal fis-seduta l-kunsillier M. Briguglio fl-4.30pm*

3.2 Korrispondenza mill-Malta Toursim Authority fejn intbagħtu diversi kummenti dwar is-*Sliema coastal report*. Il-Kunsill qabel li peress li dan ir-rapport għamlu s-Sur Peter Gatt li huwa persuna kwalifikata f'dan il-qasam, dawn il-punti mill-MTA għandhom jiġu rreferuti lis-Sur Peter Gatt ukoll, filwaqt li nistaqsu lill-MTA dwar is-sors tal-kummenti tagħhom u fuq liema bażi.

Fuq dan il-punt il-kunsillier M. Debono rrimarka li hemm xi periklu n-naħa ta' Tigne' minħabba l-iskavar li sar min-naħa tal-GAP. Il-kunsillier Debono qal li għandha nistaqsu lill-MEPA dwar dan minħabba li kienu taw permess sabiex jingħata l-konkos ta' malajr, u fil-każ għandha ninfurmaw lill-*Health and Safety*.

3.3 Korrispondenza mill-ADT fejn infurmaw lill-Kunsill li għamlu spezzjonijiet tat-toroq u li rriżulta li t-toroq Manwel Dimech, it-Torri, Santa Marija, Dingli, ix-Xatt, Mrabat u Rue D'Argens għandhom bżonn ta' manutenzjoni minħabba l-istat tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kien diġa bagħat risposta dwar dan.

3.4 Korrispondenza mis-Sur Anglu Xuereb fejn infurma lill-Kunsill li l-Azzjoni Nazzjonali ma' setgħux jiltaqgħu mal-Kunsill l-Erbgħa 13 ta' Frar, 2008, dwar il-preżentazzjoni minn naħa tagħhom. Is-Sur Xuereb talab għall-appuntament ieħor. Minħabba diversi impenji l-Kunsill mhuwiex f'pożizzjoni li jsib data oħra għalissa.

3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-korrispondenza mis-Sur Joe Morana dwar proposti dwar il-problema tat-traffiku f'Tas-Sliema, li kienet diġa ntbagħtet lill-kunsilliera bl-email. Il-Kunsill għandu jistaqsi lis-Sur Morana jippreżenta pjanta bid-direzzjonijiet tat-traffiku proposti fuq pjanta u terġa titressaq għall-attenzjoni tal-kunsill.

3.6 Korrispondenza mis-sur J. Pace Ross fejn spjega li l-permess li għandu għal kostruzzjoni mhuwiex għal skop kummerċjali izda residenzjali. Il-Kunsill aċċetta din l-ispjegazzjoni u l-permessi għandhom jinħarġu fuq bażi residenzjali.

3.7 Talba għall-għajnuna finanzjarja u għall-permess mill-Kummissjoni Festi Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor sabiex jorganizzaw attivita' bil-fjakkoli quddiem il-knisja tas-Sacro Cuor f'Ħamis ix-Xirka. Il-Kunsill qabel li għandu jingħata l-permess bl-approvazzjoni tal-pulizija, iżda bi qbil unanimu fost il-kunsilliera preżenti ma' qabilx li tingħata l-għajnuna finanzjarja minħabba li l-Kunsill diġa jinvolvi ruħu fl-attivitajiet kulturali/festi tal-parroċċi.

*Daħal il-kunsillier L. Vella għas-seduta fil-4.50pm*

3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri preżenti li l-Kunsill iltaqa' mal-perit Chris Spiteri u Dr Joe Spiteri. Il-periti Spiteri wara diversi diskussjonijiet qablu mal-proposta tal-Kunsill li jinqasam l-ammont dovut fit-tnejn sabiex jiġu evitati proċeduri għall-arbittraġġ.

*Daħal il-kunsillier N. Dimech għas-seduta fil-5pm*

Madankollu l-Perit Spiteri qal li jekk se nieħdu din id-deċiżjoni għandha tkun imqassma bl-iżjed mod xieraq. Huwa informa li l-Kunsill kien talab sabiex isir *survey* ix-Xatt u li dan qatt ma kien bagħat kont tiegħu. Il-Kunsill infurmah li għandu jintbagħt għas-seduti li jmiss sabiex jiġi inkluż fl-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-segretarju eżekuttiv semma wkoll li l-perit Spiteri qal li l-Kunsill kien żamm *retention fee* għall-ammont ta' €328.47 u l-perit Spiteri ħass li dan għandu jingħata iżda ma jkunx inkluż ma' dak l-ammont li se jiġi maqsum ħamsin fil-mija. Il-Kunsill qabel li għanda tingħata r-*retention fee* flimkien ma' dak l-ammont li kien hemm qbil bejn iż-żewġ partijiet li jingħata b'ħamsin fil-mija u f'dak il-każ l-ammont jingħata u jiġi inkluż fl-iskeda tal-pagamenti li jmiss. Il-kunsill irrimarka dwar is-*survey* li sar fix-Xatt u staqsa kienx hemm talba mill-Kunsill ta' qabel. F'din il-laqgħa l-Kunsill ippreżenta kopji tal-minuti fejn l-ex Segretarju eżekuttiv kien ippreżenta r-rapport li għamlu l-periti Spiteri. Il-Kunsill ħass li minħabba l-fatt li issa għaddew iktar minn sentejn il-Kunsill ma kienx obbligat li jħallas. Il-kunsillier M. Briguglio qal li jekk il-Kunsill kien talab li jsir survey dettaljat, madankollu fl-istess survey ta' Dr Joseph Spiteri hemm indikat li l-pass li jkun imiss wara dan is-*survey*, u li jsir *survey* aktar dettaljat sabiex ikun jista jiġi diskuss ma' l-awtoritajiet konċernati. Madankollu l-Kunsill qabel li għandu jħallas nofs l-ammont dovut, bħala intenzjoni tajba.

3.9 Risposta mil-Perit Buttigieg fil-Ministeru tar-Riżorsi u Infrastruttura dwar possibbilta' ta' *football ground* minflok *skateboard park*, fejn issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jiddiżinja pjanta proposta biex ikun jista jippreżenta lill-Ministeru konċernat. Il-Kunsillier M. Debono issuġġerixxa li għandu jinżel fuq il-post flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiddiżinja pjanta ta' dan il-*ground* propost. Il-Kunsill qabel li din l-*area* tkun addattata għat-tfal ta' taħt l-għaxar snin, fejn eventwalment jitwaħħlu tabelli wkoll. Għandu jkun hemm lasti, *hoops* u *rubber tiling* u magħluq bil-*fencing*. Il-Kunsill qabel ma' dan.

3.10 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li l-kunsilliera kienu mistiedna għall-*launch* tal-ktieb li se jiġi ppubblikat mill-Kunsill rigward iċ-ċentinarju tas-Sliema Wanderers, nhar il-Ġimgħa 15 ta' Frar fis-Sala Deporres, Sliema fis-7pm.

3.11 Korrispondenza mill-kunsillier J. Galea dwar proposta għal tibdil tan-naħa tal-parkeġġ f'parti minn Triq San Vinċenz. Il-kunsillier L. Vella rrimarka li l-Kunsill preċedenti kien staqsa lir-residenti ta' din it-triq dwar din il-kwistjoni fejn ma kienux qablu li għandu jinqaleb in-naħa tal-parkeġġ. Is-Sindku M. Arrigo staqsiet lill-kunsillier J. Galea jekk kellux talba minn residenti, iżda s-sur Galea qal li ma kellux. Il-Kunsill qabel li għandu jibqa kollox kif inhu.

Fl-istess korrispondenza l-kunsillier J. Galea semma' wkoll l-bżonn li l-Kunsill għandu jkollu persuna fuq barra sabiex jissorvelja ċertu nuqqasijiet bħal xogħol ta' kostruzzjoni bla permessi, speċjalment fil-*weekends* meta l-uffiċċju tal-Kunsill ikun magħluq u affarijiet oħra. Il-kunsillier L. Vella fakkar li kemm il-darba l-Kunsill talab għal rapport mill-uffiċċjal awtorizzat tal-gwardjani lokali biex jintbagħat kull nhar ta' Tnejn sabiex jindika l-azzjoni li tkun ittieħdet matul il-*weekends*. Il-kunsillier M. Briguglio fakkar li hu kemm il-darba ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill għandu jkollu *contracts manager* fuq diversi kuntratti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li filfatt fl-ewwel laqgħat tiegħu kien ressaq li huwa importanti li l-Kunsill ikollu *contracts manager* speċjalment għal dawk is-servizzi li ingħataw b'kuntratt għaliex il-kontijiet ikunu jridu jiġu ċċertifikati li huma korretti mill-*contracts manager*. Min-naħa l-oħra fil-Kunsill kien hemm min qal li dawn jistgħu jkunu spejjeż żejda. Madankollu l-Kunsill qabel li għanda nibdew naħdmu fuq it-*tender* għal *contracts manager*, u eventwalment il-Kunsill irid jiddetermnina kif il-persuna inkarigata se tiġi mħallsa, x'ħinijiet se jkunu u għal liema servizzi u xogħlijiet.

3.12 Korrispondenza mit-TCTC rigward possibbilta` għal fondi mill-Unjoni Ewropeja dwar proposta li se tiġi mressqa dwar diversi korsijiet organizzati lin-nisa fil-qasam tad-dinja tax-xogħol. Din tkun ħidma bejn ħdax il-Kunsill ieħor u l-korsijiet jiġu organizzati fuq bażi ta' *networking* ma' l-istess kunsilli involuti, u jekk ikun bżonn ta' trasport jista jkun inkluż. F'kaz li l-kunsill ikun interessat għandu jħallas parti ekwivalenti mis-somma totali ta' €1165 + VAT lil Dr Charmaine Grech li kienet se tieħu ħsieb din l-applikazzjoni. F'każ li tiġi aċċettata u jinbeda l-proġett il-Kunsill ikun irid iħallas ħmistax fil-mija għal kull kors, fejn eventwalment l-iskop hu li ammont sostanzjali ta' l-ispejjeż involuti, jiġu rifonduti mill-fondi ta' l-Unjoni Ewropeja. Il-kunsillier M. Briguglio qal li l-kunċett jagħmel sens iżda m'għandux isir b'mod li tintbagħat applikazzjoni minn kumpanija privata u b'mod konġunt ma' kunsilli lokali oħra, u jekk għandha nakkwistaw fondi l-Kunsill għandu juża l-mezzi tiegħu. Il-kunsilliera M. Aquilina qalet ukoll li l-Kunsill kemm il-darba organizza diversi korsijiet għal kulħadd. Il-kunsilliera preżenti qablu li m'għandhomx jipparteċipaw, anke minħabba l-fatt li mhux qegħdin jaraw il-possibbilta` li minn din il-proposta se jiġu rifonduti l-fondi mill-UE faċilment.

3.13 Talba għall-għajnuna finanzjara mingħand *The 4 Life Foundation*. Il-Kunsill ma qabilx li tingħata donazzjoni minħabba li l-Kunsill diġa jagħti diversi donazzjonijiet kif ukoll lil 4 Life Foundation ma' taqax fl-iskeda VIII tar-regolamenti finanzjarji tal-kunsilli lokali.

3.14 Korrispondenza mill-MEPA dwar applikazzjoni PA 07488/07 dwar *ticket sales booth* biex titħalla fuq il-bankina s-sena kollha x-Xatt. Il-Kunsill għandu jibgħat oġġezzjoni lill-MEPA dwar dan minħabba li diġa hemm biżżejjed.

3.15 Is-Sindku ressqet għall-approvazzjoni l-*performance bonuses* tas-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tal-Kunsill għall-perjodu April 2007 sa Marzu 2008. Il-kunsilliera preżenti unanimament qablu li għandu jingħata l-massimu tal-*performance bonus*.

3.16 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-laqgħa ta' konsultazzjoni pubblika li saret kif kien deċiż fl-aħħar seduta tal-Kunsill dwar is-*Sliema Transport Action Plan fis-7 ta' Frar, 2008.* Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-kopji tal-minuti li kien bagħat lill-kunsilliera kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar ukoll li l-Kunsill għandu jaghti risposta lill-MIIT sat-22 ta' Frar. Il-Kunsill talab li tingħata estensjoni tad-*deadline* minħabba li l-Kunsill għadu mhux f'pożizzjoni li jagħti l-proposti tiegħu b'mod konkret.

*Il-kunsillier J. Galea ħareġ mis-seduta fis-6.30pm*

Il-Kunsill reġa irrefera għall-minuti tal-laqgħa ta' konsultazzjoni tas-7 ta' Frar, 2008 u kien hemm diskussjoni sħiħa. Ġie nnotat li l-maġġoranza tan-nies preżenti fil-laqgħa ta' konsultazzjoni qablu li triq Bisazza u triq it-Torri (parti t'isfel) għandhom jibqgħu miftuħa filwaqt li l-bankini fiż-żewġ toroq konċernati għandhom jitwessgħu. Il-parkeġġ li se jitnaqqas minn dawn it-toroq se jiġi ikkumpensat miż-żieda tal-parkeġġ ix-Xatt, filwaqt li għandu jitħalla spazju għall-parkeġġ ta' un/loading.

*Il-kunsillier L. Vella u l-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis ħarġu mis-seduta fis-6.40pm*

Kien hemm diversi rimarki mil-kunsilliera li wħud mill-punti kemm tar-residenti kif ukoll tal-kunsilliera li kienu preżenti għal laqgħa ta' konsultazzjoni, ma' setgħux jinftiehmu minħabba d-diversi interventi li intqalu f'daqqa, u b'hekk ma' setgħux jitniżżlu l-punti kollha fil-minuti.

*Il-kunsillier L. Vella daħal fis-seduta fis-6.45pm.*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li kulħadd seta kellu ħafna iżjed punti validi li setgħu jiġu mressqa, iżda minkejja li kulħadd ried jagħmel il-punt tiegħu f'ħin qasir, wieħed ma setax jesprimi ruħu b'mod sħiħ. Il-Kunsill qabel li sabiex l-eżerċizzju ta' konsultazzjoni ikun aktar effettiv, għandu jerġa jagħti ċ-ċans kemm lill-kunsilliera kif ukoll lil dawk ir-residenti li kienu preżenti sabiex, jerġgħu jagħmlu l-kummenti dettaljati bil-miktub sa' ġimgħatejn minn meta tintbagħat l-ittra fejn wara jerġgħu jiġu mressqa fis-seduta tal-Kunsill. B'hekk jiġi assigurat li l-punti kollha mressqa bil-miktub jiġu annalizzati. Għaldaqstant il-minuti ma' tressqux għall-approvazzjoni biex il-Kunsill ikollu stampa aktar ċara wara li jirċievi l-korrispondenza kollha. Is-Sindku M. Arrigo qalet ukoll li jekk ikun hemm bżonn, niltaqgħu mar-rappreżentanti ta' l-assoċjazzjonijiet konċernati.

*Il-Viċi Sindku A. Bonello Dupuis daħal u ġie skużat li jitlaq mis-seduta fis-6.50pm.*

3.17 Il-kunsillier M. Briguglio issuġġerixxa li għanda niktbu lill-MEPA fuq suġġeriment li għamlet Astrid Vella li parti minn Triq Censu Xerri għandha tinfetaħ u jitneħħa biċċa mil-proġett mil-kantuniera. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb dwar dan wara li jkollna l-kummenti kollha finali tar-residenti.

*Il-kunsillier J. Galea daħal lura fis-seduta fis-6.55pm.*

3.18 Is-Segretarju Eżekuttiv infurma lill-kunsilliera li kien ġie avviċinat mill-pulizija sabiex ma jingħatawx permessi ta' krejns jew għeluq ta' toroq fit-8, 10 u 11 ta' Marzu, 2008. Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

*Il-kunsillier M. Briguglio ġie skużat li jitlaq mis-seduta fis-7pm.*

*Il-kunsillier M. Debono ħareġ mis-seduta fis-7pm*

3.19 Korrispondenza mill-*Malta Tourism Authority* fejn infurmaw lill-Kunsill li Ġnien Indipendenza huwa wieħed minn tlett nominazzjonijiet għall-iżjed ġnien attraenti. L-attivita` se ssir fl-20 ta' Frar, 2008.

*Il-kunsillier M. Debono daħal fis-seduta fis-7.02pm.*

3.20 Korrispondenza mill-Għassa ta' tas-Sliema fejn infurmaw lill-Kunsill li l-*bridge* li jinstab fi Triq il-Kulleġġ l-Antik, qiegħed fi stat perikoluż u li qiegħed jaqa xi ġebel minnu. Il-Kunsill għandu jibgħat jinforma lill-pulizijia sabiex jagħmlu sinjali adekwati biex jindikaw li hemm il-periklu u jekk hemm bżonn jitneħħa l-parkeġġ.

3.21 Materjal promozzjonali minn RO.DE.CO dwar mod ieħor kif isir *patching* ta' toroq bil-*hot asphalt*. Il-kunsillier N. Dimech spjega l-proċedura ta' kif jaħdmu dawn il-kuntratturi. Qal ukoll li l-ħlas ikun ikkalkulat bil-metru kwadru. Il-kunsillier M. Debono issuġġerixxa li din il-kumpanija għandha tagħmel xogħol b'xejn bħala prova. Ġie deċiż li l-Kunsill għandu jiddiskuti magħhom l-ewwel sabiex jara jekk il-prezzijiet humiex raġonevoli. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel kuntatt ma' din il-kumpanija sabiex jara x'inhuma l-prezzijiet u li f'każ li jkunu jistgħu jagħmlu *sample* ta' xogħol b'xejn dan issir ix-Xatt (faċċata tal-knisja tan-Nazzarenu)

3.22 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li Polidano Bros għandhom jagħtu lill-Kunsill is-somma ta' € 6988.12 tal-*hoarding* tas-sit ta' kostruzzjoni fi Triq it-Torri (fejn l-*Adelaide Hotel*). Il-kunsill kien talab li b'dawn il-flus, Polidano Bros għandhom jagħmlu xogħol ta' *patching*. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar ukoll li hemm it-*tenders* tar-*road resurfacing* u *provision for road materials* li għadhom ma' ġewx aġġudikati. Peress li fost l-applikanti hemm il-kumpanija msemmija involuta, il-Kunsill għandu jara li xogħol pendenti jitlesta malajr kemm jista jkun, sabiex ikunu jistgħu jiġu aġġudikati t-*tenders* f'qasir żmien. Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li mar jispezzjona diversi toroq li l-Kunsill kien irċieva ilmenti dwar l-istat tagħhom. Wara sar rapport mil-perit Bezzina dwar l-iżjed partijiet tat-toroq li kellhom bżonn il-*patching* kif indikati mis-Segretarju Eżekuttiv fosthom: Ġużè Howard (bejn Stella Maris u Amery), Windsor (bejn Sir Luigi u Sir Arturo Mercieca), Windsor c/w Creche, Gino Muscat Azzopardi (bejn Ġużè Howard u Capua), Sqaq Rudolfu u Viani c/w Sqaq Sajjan, li dawn se jammontaw għal €6835.83 skond l-istima tal-perit. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-perit tal-kuntrattur kien talbu għas-*site plans* biex ikun jista japplika ma' l-ADT. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega wkoll li kien enfasizza mal-kuntrattur sabiex jiġu applikati l-istess rati tat-*tender* liema *tender* kien skada kważi b'sena iżda minħabba li t-*tender* l-ieħor kien għadu ma ġiex aġġudikat, dan ifisser li x-xogħol kien se jsir bħala estensjoni tat-*tender* preċedenti. Sadanittant is-Segretarju Eżekuttiv ġie infurmat mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma li fi Sqaq Rudolfu hemm bżonn li jinqalgħu l-*mains* u *house connections* u allura importanti li jsir ftehim mal-Korporazzjoni ta' l-Ilma qabel ma' jsir il-*patching*. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li Triq Manwel Dimech mhiex qegħda inkluża (parti sostanzjali) u l-Kunsill qabel li għanda ssir ukoll u fil-każ titħallas id-differenza lill-kuntrattur.

*Il-kunsillier N. Dimech ħareġ mis-seduta fis-7.10pm*

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni wkoll dwar ix-xogħol dovut mil-kuntrattur Polidano li jikkonsisti minn *scaryfying* u *hot asphalt laying* għal 450 metru liema xogħol għandu jiġi kkwantifikat fi flus u jitnaqqas mis-somma finali tax-xogħol ta' *resurfacing* li se jsir fi Triq Rudolfu. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

*Il-kunsillier N. Dimech daħal u ġie skużat li jitlaq mis-seduta fis-7.15pm*

3.23 Is-Sindku M. Arrigo ġibdet l-attenzjoni dwar il-kontijiet tal-perit sabiex nassiguraw li qiegħed jimxi mar-rati tat-*tender*. Min-naħa l-oħra s-Segretarju Eżekuttiv saħaq li għandu bżonn li jkun hemm il-perit sabiex jiċċertifika dan ix-xogħol ta' *patching* u bankini minn kuntratturi privati.

3.24 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsill li l-ammont ta' bankini li għandhom bżonn ta' wiċċ ġdid qegħdin jiżdiedu. Il-Kunsill ġie infurmat li l-kuntrattur Ray Cachia meta ġie biex jagħti stima lill-Kunsill kemm se jiswew il-bankini għamel skont ta' għoxrin fil-mija mir-rati tat-*tender* tiegħu. Il-Kunsillier M. Debono staqsa jistgħux isiru xi bankini mill-ħaddiema tal-Ministeru għar-Riżorsi u Infrastruttura bħala *joint venture*. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kien diġa ċċekkja dwar dan fejn ġie infurmat li għalissa ma jistgħux jagħmlu xogħlijiet f'Tas-Sliema, minħabba li jkollhom programmi ta' xogħol f'postijiet oħra. Il-Kunsill qabel li għandu jqabbad lis-Sur Ray Cachia jagħmel dawn il-bankini: Dingli (l-parti ma' Triq Ġuże Howard), Ġafar (minn il-Kulleġġ l-Antik sa Triq Camenżuli), Annunzjata, Camenżuli, Manwel Dimech (quddiem PIP), Mattew Pulis (l-aħħar biċċa ta' fejn Triq Ċensu Xerri), Howard, Sir Arturo Mercieca (l-iżjed 75 metru li huma gravi), Windsor (fejn *Windsor Court*) u Sant' Elena ma Isouard. Il-kumplament ta' Triq Sir Arturo Mercieca għandha ssir eventwalment bħala *joint venture* mal-ħaddiema tal-Ministeru għar-Riżorsi u Infrastruttura.

Sadanittant is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li l-Korporazzjoni għas-Servizzi u l-Ilma ġibdulu l-attenzjoni li hemm bżonn jinqalgħu s-servizzi u l-mejnijiet ta' l-ilma tat-toroq Ġafar u Camenżuli, iżda għad m'hemmx data stipolata għalkemm dawn jistgħu jsiru fil-futur qrib. Il-Kunsill qabel li minkejja dan, xorta għandu jagħmel l-iżjed partijiet gravi ta' toroq Ġafar u Camenżuli biex jiġi evitat il-periklu.

3.25 Il-Kunsill qabel li s-seduta tal-Kunsill li jmiss għandha ssir fis-26 ta' Marzu, 2008 fl-4pm minħabba li t-tielet erbgħa tax-xahar hija festa pubblika.

3.26 Korrispondenza mill-kunsillier M. Briguglio fejn staqsa dwar l-istat tal-*kiosks* ta' Għar id-Dud. Fuq dan il-punt il-kunsillier J. Galea qal li l-unika wieħed li kien applika għall-*excavation* jinsab fil-ġenb allura l-*coastal report* ma' japplikax għalih. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu kien bagħat is-*Sliema coastal report* lill-MEPA għall-attenzjoni tal-*case officer* konċernat ~~fiż-żmien stipolat mil-MEPA~~.* Fuq dan il-punt il-kunsillier M. Debono irrimarka wkoll li ħafna minn dawn il-*kiosks* għandhom il-permess ta' *mobile kiosk* u mhux ta' wieħed permanenti. Fl-email tiegħu l-kunsillier Briguglio staqsa wkoll jekk il-Kunsill għamilx *follow up* dwar it-triq pubblika fejn *Fort Cambridge* fi Triq Censu Xerri. Il-Kunsill ma jistax jaghmel *follow up* għalissa qabel ma jkun hemm deċiżjoni finali.

3.27 Talba għall-permess mingħand *Birdlife Malta* sabiex titpoġġa *stand* sabiex ikunu jistgħu jitqassmu *brochures* ta' informazzjoni. Il-Kunsill qabel li għal dan il-mument m'għandux joħroġ dawn it-tip ta' permessi. Il-Kunsill qabel ukoll li għandna ninfurmaw lill-Birdlife li jekk ikunu għadhom jixtiequ jagħmlu l-istess talba, terġa tiġi kkunsidrata fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

3.28 Is-Segretarju Eekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-pompa ta' l-ilma baħar fi Ġnien Indipendenza mhux tiffunzjona tajjeb. Il-Kunsill qabel li din għandha tinbidel.

* "qabel il-laqgħa tad-DCC dwar din l-applikazzjoni"

**4. MISTOQSIJIET MILL-KUNSILLIERA**

4.1 Il-kunsillier J. Galea issuġġerrixxa li l-parkeġġ fi triq it-Torri (minn triq Katidral 'l fuq) għandu jinqaleb għan-naħa l-oħra. Il-Kunsill iddeċieda li l-ewwel għandhom jitlestew ix-xogħlijiet fi Triq it-Torri u l-proġett tal-Plaza, imbagħad terġa titressaq għad-deċiżjoni tal-Kunsill.

4.2 Il-kunsillier J. Galea ippropona li għandu jkun hemm sotto kumitat għal kommunita` kummerċjali. Il-kunsill qabel ma' din il-proposta. Is-Sindku M. Arrigo, il-kunsilliera M. Debono u J. Galea wrew ix-xewqa li jkunu fil-bord. Madankollu l-Kunsill se jħalli ċ-cans miftuħ għall-kunsilliera l-oħra li ma kienux preżenti sabiex ikunu jistgħu jagħżlu li jingħaqdu f'dan l-istess sotto kumitat.

**5. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAS-SEDUTI**

Il-kunsillier L. Vella ippropona u l-kunsillier J. Galea issekonda li l-pagamenti ta' din is-seduta minn ċekk numru 9252 sa 9322 jiġu approvati mingħajr ċekk numru 9287 f'isem Dr Joseph Spiteri minħabba r-raġuni msemmija f'punt 3.8 ta' din l-istess seduta. Kien hemm qbil unanimu għall-approvazzjoni tal-kumplament tal-pagamenti mill-kunsilliera preżenti.

**6. AFFARIJIET OĦRA**

Ma kienx hemm materji oħra.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.40pm. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għas-26 ta' Marzu, 2008 fl-4pm

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Marina Arrigo**
**Sindku**